MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2013

Numru 18/2009

**Ir-Repubblika ta’ Malta**

**v.**

**Ismail Tirso**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-Att ta’ Akkuza migjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali fit-12 ta’ Gunju 2009 kontra Ismail Tirso li permezz tieghu l-istess Avukat Generali akkuza lill-istess Ismail Tirso talli (1) assocja ruhu ma’ xi persuna jew

persuni ohra barra minn dawn il-Gzejjer jew f'dawn il-Gzejjer sabiex ibiegh jew jittraffika medicina f'dawn il-Gzejjer (eroina) kontra d-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta) jew ippromomwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja l-assocjazzjoni; (2) importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga biex tkun tista' tigi importata medicina perikoluza (eroina) f'Malta bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta), u cioe` meta ma kellux awtorizzazzjoni ta' importazzjoni valida; (3) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina bi ksur tal-ligi u f'cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali ta' l-24 ta' Gunju 2010  li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat il-verdett tal-gurati li bih b'seba' (7) voti favur u b'zewg (2) voti kontra sabu lill-imsemmi Ismail Tirso hati ta' l-Ewwel, tat-Tieni u tat-Tielet Kapi ta' l-Att ta' Akkuza, iddikjarat lill-istess Ismail Tirso hati talli:

1. fit-8 ta' Ottubru 2007 u fiz-zmien ta' qabel din id-data f'Malta u barra minn Malta, assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra barra minn dawn il-Gzejjer jew f'dawn il-Gzejjer sabiex ibiegh jew jittraffika medicina f'dawn il-Gzejjer (eroina) kontra d-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja l-assocjazzjoni u dana skond l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;

2. f'xi zmien qabel u dak inhar tat-8 ta' Ottubru 2007, importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga biex tkun tista' tigi importata medicina perikoluza (eroina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), u cioe` meta ma kellux awtorizzazzjoni ta' importazzjoni valida u dana skond it-Tieni Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;

3. fit-8 ta' Ottubru 2007, kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-

importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu u dana skond it-Tielet Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;

**3.** Rat illi bl-istess sentenza l-ewwel Qorti, wara li rat l-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 14, 15, 15A, 20, 22(1)(a)(d)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(aa)(bb)(3A)(a)(b)(c)(d), 25, 26, 29, 30 u 30A ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) u r-regoli 4, 8 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi [N.G. 292 ta' l-1939] u fl-artikoli 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta), ikkundannat lill-hati Ismail Tirso ghall-piena komplessiva ta' hamsa u ghoxrin (25) sena prigunerija, li minnhom irid jitnaqqas iz-zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv, u ghall-multa ta' mitt elf euro (€100,000), li, jekk ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mid-data tas-sentenza appellata, jigu konvertiti fi tmintax-il (18) xahar prigunerija skond il-ligi, kif ukoll ikkundannatu jhallas is-somma ta' elf, tmin mija u seba' euro u tnejn u sebghin centezmi (€1807.72), rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji nkorsi f'dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali. Ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom saru r-reati u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli u mmobbli ohra tal-hati. Ordnat li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax-il jum mid-data tas-sentenza appellata, jigu konvertiti f'terminu ta' prigunerija skond il-ligi. Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mid-data tas-sentenza appellata - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, ordnat li d-droga kollha esebita u l-affarijiet li

ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-Ispizjar Mario Mifsud u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta' dik il-Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni u jgibu a  konjizzjoni ta' dik il-Qorti b'nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali u lill-hati. Dan wara li l-ewwel Qorti kkunsidrat is-segwenti:

**"Rat il-fedina penali aggornata tal-hati, esebita mill-Prosekuzzjoni w ezaminata mid-Difiza;**

**"Semghet ix-xhieda tal-Ispettur Dennis Theuma;**

**Rat illi r-reati taht l-ewwel, it-tieni w it-tielet kapi tal-att ta' l-akkuza huma, ghall-fini tal-piena, assorbiti fir-reat ta' traffikar taht it-tieni kap ta' l-att tal-akkuza w dana ghax servew bhala mezz biex seta' jigi kommess ir-reati l-ohra, skond l-artikolu 17 (h) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**"Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. Malcolm Mifsud kif ukoll is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur Dr. Nadine Sant;**

**"Rat ukoll li l-hati huwa incensurat al menu f'Malta;**

**"Ikkonsidrat:**

**"Illi din hija l-akbar qabda ta' droga illi qatt inqabdet hawn Malta.**

**"Minkejja li l-hati ghandu fedina penali netta, din il-Qorti ma tistax ma tqisx il-hsara potenzjali ghas-socjeta` Maltija, li f'dan il-kaz kellu l-potenzjal li jaffettwa kwart tal-popoluzzjoni Maltija w cioe` l-popolazzjoni zaghzugha kollha, liema zghazagh huma l-aktar vulnerabbli ghat-tentazzjoni tad-droga li qed jigu assedjati minn traffikanti bl-importazzjoni ta' drogi micidjali ta' kull tip provenjenti minn kull parti tad-dinja, bl-ghan ta' qligh immorali w mahmug a skapitu tas-sahha w kultant anki tal-hajja tal-vittmi taghhom.**

**“Qieset ukoll l-artikolu 29 tal-Kap. 101, wara illi l-Ispettur Dennis Theuma informa lill-Qorti illi l-hati ghandu jibbenefika minn dawk il-provvedimenti w ghalhekk se tnaqqas il-piena ta’ ghomor skond l-iskala indikata fl-artikolu 31 tal-Kodici Kriminali.”**

**4.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Ismail Tirso pprezentat fil-5 ta’ Lulju 2010 fejn talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka l-verdett imsemmi tal-gurati u s-sentenza appellata ta’ l-24 ta’ Gunju 2010 u tordna li jigi registrat verdett ta’ mhux hati fil-konfront tieghu li ghandu jigi liberat minn kull htija u piena. Subordinatament u fi kwalunkwe kaz jitlob li din il-Qorti, f’kaz li tichad l-appell tieghu ghal dik li hija htija, tirriforma s-sentenza appellata ghal dik li hija piena billi tinfliggi piena fil-limiti tal-ligi u li tirrispekkja c-cirkostanzi tal-kaz u l-verdett milhuq li ma kienx wiehed ta’ unanimita`; rat l-atti l-ohra tal-kawza; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li mill-provi processwali ma kienx hemm bizzejjed biex il-gurija ragjonevolment setghet issib htija fil-konfront tieghu almenu minghajr kwalifiki; (2) li fil-kors ta’ l-indirizz l-Imhallef li ppresjeda l-guri ta direttivi ta’ ligi zbaljati b’mod li kien hemm interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi li setghet kellha effett determinanti fuq il-verdett raggunt mill-gurati; (3) li fil-kors tal-guri saru bosta zbalji u rregolaritajiet procedurali b’tali mod li l-appellant ma kellux *fair trial* u dan wahdu ghandu jkun bizzejjed biex din il-Qorti tilqa’ dan l-appell; (4) li, fi kwalunkwe kaz u subordinatament, anke li kieku kellu jigi accettat li l-appellant huwa hati, il-piena nflitta hija eccessiva u tmur oltre dak permess mil-ligi.

**6.** Din il-Qorti sejra tikkunsidra l-aggravji ta’ l-appellant hekk kif jispjegahom fir-rikors ta’ appell tieghu. Huwa jibda mit-tielet aggravju fejn jindika dak li jikkonsidra bhala rregolaritajiet li sehhew waqt il-guri.

**7.** L-ewwel ilment ta' l-appellant huwa dwar ic-cahda ta' l-ewwel Qorti tat-talba ta' l-appellant maghmula xi gimaghtejn qabel il-guri biex jisma' u jipprezenta waqt il-guri *recordings* ta' telefonati li saru mill-Facilita` Korrettiva ta' Kordin bejn prigunier bil-kunjom Kurucu u allegatament huh jew persuna ohra li kienu nvoluti fil-kaz ta' l-appellant, u li fil-konversazzjoni l-persuna mit-Turkija qalet li l-appellant ma kienx konsapevoli tal-fatt li kien qed igorr droga. Waqt il-guri gie spjegat li dan ir-rikors ma kienx gie milqugh minhabba l-fatt li ma setax ikun hemm kontroll fuq din il-konversazzjoni. L-appellant jghid illi kien hemm diversi xhieda tal-prosekuzzjoni, anke ufficjali tal-Pulizija, li ma kienx hemm kontroll fuq il-verzjoni taghhom. Huma l-gurati li japprezzaw l-provi u jiddeciedu jekk jemmnux konversazzjoni li kienet saret jew le. Dan kien zvilupp li sehh fl-ahhar qabel il-guri u b'hekk kien legittimu ghall-appellant li jressaq din il-prova gdida. B'hekk l-appellant m'ghandux informazzjoni ghal kemm jinzammu t-*tapes* ta' konversazzjonijiet tal-prigunieri u jekk bil-fatt li l-appellant ma thalliex jezamina t-*tapes*, illum gewx distrutti jew imhassra b'xi mod.

**8.** Issa, mill-atti jirrizulta illi permezz ta' rikors ipprezentat fit-2 ta' Gunju 2010 l-appellant talab li l-Qorti Kriminali tordna lill-awtoritajiet tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin sabiex jaghmlu disponibbli ghad-difiza l-konversazzjonijiet kollha ta' Kamil Kurucu ma' persuni ta' nazzjonalita` Turka bejn sitta u disa' xhur ilu. Huwa ghamel din it-talba peress illi qal illi "recentement" sar jaf li madwar dak iz-zmien dan Kamil Kurucu kellu konversazzjoni bit-telefon mal-persuna li baghat lill-appellant hawn Malta bid-droga fejn indika bl-aktar mod car li l-appellant ma kienx jaf li fil-bagalja kien hemm droga. Qal ukoll illi minn konversazzjonijiet ma' Kamil Kurucu deher car li dan ma kienx lest li jixhed dwar tali konversazzjoni. L-Avukat Generali oggezzjona ghal din it-talba. Il-Qorti Kriminali cahdet it-talba ghax qalet "illi jidher li t-talba kif kontenuta hi *'fishing exercise'* biex forsi jinstab xi haga utili ghall-imputat li, fi kwalunkwe kaz, mhux producibbli bhala xiehda legali ghax mhux konfortata bil-gurament."

**9.** Fil-fehma ta' din il-Qorti l-ewwel Qorti kellha ragun tichad tali talba. L-ewwelnett jigi osservat illi l-appellant qal fir-rikors li sar jaf "recentement", minghajr indikazzjoni ta' kemm "recentement". Naturalment jekk dik l-informazzjoni kienet minnha kien fl-interess tieghu li jiehu passi immedjati billi jinforma lill-avukat tieghu. Imbaghad din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-appellant ma talabx biex, nonostante illi qal illi Kamil Kurucu ma riedx jixhed, xorta dan jigi prodott bhala xhud. Lanqas ma tista' tifhem ghaliex l-appellant talab biss li l-Qorti Kriminali tordna li r-*recordings* jitqieghdu ghad-disposizzjoni tad-difiza u mhux li jigu pprezentati fil-Qorti. Fi kwalunkwe kaz, din il-Qorti tosserva li ma seta' jkun hemm ebda kontroll fuq il-veracita` tal-kontenut tar-*recordings* jekk dawk il-persuni li jkunu qeghdin jitkellmu jew xi hadd minnhom (aktar u aktar jekk wahda minnhom hija l-persuna li suppost qalet il-kliem li jghid li ntqal) mhumiex identifikabbli u ghalhekk mhux producibbli bhala xhieda. Fil-fehma ta' din il-Qorti ghalhekk ma jaghmilx sens li l-appellant jghid li kien hemm diversi xhieda tal-prosekuzzjoni, anke ufficjali tal-Pulizija, li ma kienx hemm kontroll fuq il-verzjoni taghhom. Wiehed mill-mezzi l-aktar effikaci ta' kontroll huwa permezz ta' kontro-ezami, u mill-atti jirrizulta illi x-xhieda kollha tal-prosekuzzjoni gew kontro-ezaminati mid-difensur ta' l-appellant.

**10.** It-tieni lment ta' l-appellant hu li matul il-guri l-Ispettur Theuma spjega lill-gurati li l-appellant seta' jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jekk jikkoopera mal-Pulizija. L-avukat difensur oggezzjona ghal dan ghaliex jaghmel referenza diretta ghall-piena u r-riduzzjoni ta' tali piena. L-oggezzjoni nghatat mal-mistoqsija u qabel ma nghatat ir-risposta, izda l-Qorti halliet li l-mistoqsija ssir u ssir referenza ghal dan l-artikolu u l-beneficcju li jgib mieghu. L-appellant jghid li matul il-guri kompliet issir referenza ghal dan l-artikolu u l-beneficcju li seta' jiehu l-appellant jekk jinsab hati. L-appellant isostni li a tenur ta' l-artikolu 489 tal-Kap. 9 ma setghetx issir referenza ghall-piena u b'hekk, bhala konsegwenza logika, kwalunkwe riduzzjoni ta' tali piena. L-appellant kien qieghed jipprotesta l-innocenza tieghu u b'hekk iddikjara li mhux hati. Bhala konsegwenza kien qed

jipprospetta li jigi liberat mill-akkuzi u ghalhekk ma kellux ghalfejn jibbenefika mill-artikolu 29 imsemmi. Inoltre l-prosekuzzjoni tat x'tifhem li r-raguni ghaliex l-appellant ghen tant lill-Pulizija kien proprju biex jibbenefika mill-imsemmi artikolu 29. Huwa pero` dejjem sostna li ma kienx jaf li fil-bagalja kien hemm id-droga mohbija. Peress illi l-gurati saru konsapevoli li kien hemm riduzzjoni ta' piena kien logiku li setghu jikkonkludu li ghaliex ghen lill-Pulizija kien qed jammetti maghhom li kien involut fit-traffikar internazzjonali ta' droga. Jigifieri l-fatt li kien gie spjegat l-artikolu 29 tal-Kap. 101 kien ta' pregudizzju ghall-appellant.

**11.** Fl-ewwel lok l-appellant m'ghandux ragun li jirreferi ghall-artikolu 489 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jipprovdi illi hija r-recidiva li m'ghandhiex tigi mgharrfa lill-gurati.[1] Imbaghad, din il-Qorti hi tal-fehma illi m'hemm xejn irregolari illi persuna investigata tkun infurmata dwar il-beneficcju li jipprovdi l-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, purche` l-informazzjoni li tinghata tkun konsona ma' dak li jghid l-imsemmi artikolu, bhalma gara fil-kaz odjern. Kien il-legislatur stess li, permezz ta' dak l-artikolu, ried jaghti forma ta' promessa jew twebbil ta' vantagg bl-iskop li jinqabdu t-traffikanti tad-droga. Naturalment l-ufficjal investigattiv huwa mbaghad obbligat jinforma lill-Qorti jekk l-imputat/akkuzat ikunx ikkoopera, dwar in-natura ta' dik il-kooperazzjoni, jekk l-informazzjoni li l-imputat/akkuzat ikun ta kellhiex ezitu pozittiv, ecc. Fil-fehma ta' din il-Qorti, pero`, f'cirkostanzi bhal dawn, huwa ghaqli li jkun hemm mizura ta' *caution* fis-sens li min ghandu jiggudika fuq il-fatti ghandu joqghod

[1] L-art. 489 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi: "Meta l-ligi, minhabba r-recidiva, tkabbar il-piena ghar-reat li jsir wara, il-kawza ghandha titmexxa bhallikieku fl-att ta' l-akkuza ma kienx hemm migjub li, qabel, l-akkuzat kien gie misjub hati u ikkundannat; u m'ghandux jinghad lill-guri li l-akkuzat kien gie qabel misjub hati u ikkundannat, hlief wara u jekk il-guri jkun iddikjara l-akkuzat hati ta' dan l-ahhar reat:

"Izda, kemm-il darba fil-kawza kontra akkuzat ghal dan l-ahhar reat jew recidiva, jingiebu provi tal-kondotta tajba ta' l-akkuzat, l-Avukat Generali, bhala twegiba ghal dan, jista' jghaddi ghall-qari ta' l-att ta' l-akkuza u ghall-prova li l-akkuzat kien gie misjub hati u ikkundannat ghal reat iehor qabel, ukoll qabel ma l-guri jkun iddikjara hati l-akkuzat."

ferm attent dwar il-volontarjeta` tal-istqarrija u l-veracita` tal-kontenut taghha.[2]

**12.** Konsegwentement din il-Qorti lanqas ma tara xejn irregolari li, waqt il-guri, l-ufficjal investigattiv jghid illi jkun gharraf lill-akkuzat bid-drittijiet tieghu skond l-imsemmi artikolu. Kinitx din ir-raguni li wassal lill-appellant biex jikkoopera mal-Pulizija hija mbaghad kwistjoni ta' apprezzament ta' provi fl-intier taghhom. Dan il-fattur wahdu ma jistax certament jittiehed bhala xi ammissjoni da parti ta' l-appellant. Ghalhekk hija asserzjoni gratuwita ta' l-appellant illi jghid illi peress illi l-gurati saru konsapevoli li kien hemm riduzzjoni ta' piena kien logiku li setghu jikkonkludu li ghaliex ghen lill-Pulizija kien qed jammetti maghhom li kien involut fit-traffikar internazzjonali ta' droga. Li hu cert hu li mill-kontro-ezami ta' l-Ispettur Dennis Theuma jirrizulta li l-appellant ghen lill-Pulizija minn rajh kif jirrizulta minn dan il-bran:

"Difiza: Issa biex ukoll l-affarijiet ikunu cari, hu minn rajh hux hekk ried jghin lill-Pulizija bl-informazzjoni li kellu ta' *telephone numbers* li qalulu biex icempel, hux hekk?

"Xhud: Iva.

"Difiza: Minn rajh?

"Xhud: Ma nistghux ingeghluh."

**13.** Permezz tat-tielet ilment l-appellant jghid li l-Qorti ma ghamlitx kontroll fuq is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni fejn semmiet fatti li ma hargux mill-guri. Jghid li l-prosekuzzjoni qalet li fl-ajruport ta' Istanbul ma jezistux *dustbins* – minn imkien ma hareg jekk hemmx *dustbins* jew le. Il-kuntest ta' din id-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni kien li fix-xiehda tieghu l-appellant qal li kellu baskett iehor li rema gewwa l-ajruport. Biex il-kredibilita` tieghu tigi attakkata, il-prosekuzzjoni ssottomettiet bhala fatt li m'hemmx *dustbins* fl-ajruport ta' Istanbul u b'hekk l-appellant ma setax jarmi dan il-baskett.

[2] *Caution* fil-kaz ta' gurati, *self-caution* fil-kaz ta' Imhallef jew Magistrat wahdu.

**14.** Punt iehor li l-appellant jghid illi l-ewwel Qorti ma ghamlitx kontroll fuqu huwa fejn gie sottomess li l-appellant ta *tip-off* lill-Maltin li marru l-lukanda biex jigbru l-bagalja bid-droga. Il-prosekuzzjoni qalet li l-karozza telqet minn fuq il-post u d-difiza ssottomettiet li huwa probabbli li meta raw il-Pulizija jigru ghal fuqhom, ippruvaw jaharbu izda twaqqfu fl-istess triq. Il-prosekuzzjoni ssottomettiet li bil-fors dawn iz-zewg persuni, Dean Martin u Joe Grech, ircevew messagg biex jaharbu. Waqt il-guri l-gurati nghataw ir-rapport shih ta’ Martin Bajada fejn kien hemm il-*call profiles* ta’ l-appellant kif ukoll taz-zewg Maltin. Il-prosekuzzjoni ghamlet l-allegazzjoni tat-*tip-off* minghajr referenza ghar-rapport, izda rrizulta li kienet purament invenzjoni. Dan il-Qorti hallietu ghaddej.

**15.** Bhalma solitament isir, id-difiza u l-prosekuzzjoni jigbdu l-argumenti taghhom fuq ic-cirkostanzi kollha rizultanti mill-provi. Issa, jekk fil-kaz in ezami kien hemm xi sottomissjonijiet maghmulin mill-prosekuzzjoni li, skond id-difiza, ma jirrizultawx mill-provi, id-difiza stess kienet f’posizzjoni privileggjata li tissenjalahom waqt il-kontro-replika. Id-difiza ma tistax tippretendi illi l-Qorti toqghod twaqqaf lill-prosekuzzjoni jekk ikun hemm xi sottomissjoni illi ma ddoqqx ghal widnejn id-difiza, u vice-versa. Imbaghad, minn ezami tar-replika tal-prosekuzzjoni, minn imkien ma jirrizulta illi l-prosekutur qalet li fl-ajruport ta’ Istanbul m’hemmx *dustbins*. Dak li jirrizulta li qalet hu dwar il-bagalja: “ma nafux fejn remieha”[3] Lanqas ma jirrizulta li qalet li kien proprju l-appellant li ta *tip-off* lill-Maltin. Kull ma ghamlet kien li ghamlet mistoqsijiet dwar x’istiga l-karozza li tahrab minn fuq il-post.[4]

**16.** Permezz tat-tieni aggravju tieghu l-appellant ghandu numru ta’ lmenti rigward l-indirizz ta’ l-Imhallef li ppresjeda l-guri li sejrin jigu kkunsidrati *seriatim*.

**17.** Permezz ta’ l-ewwel ilment l-appellant jghid illi l-Imhallef li ppresjeda l-guri halla f’idejn il-partijiet sabiex

[3] Pagna 211 tat-traskrizzjonijiet.
[4] Pagna 205 *ibidem*.

jispjegaw l-livelli differenti ta’ prova u ghamel biss l-analogija ta’ dar bi tliet sulari u kull sular huwa aktar difficli biex jitla’. L-appellant jghid: “Dan qed jinghad ghaliex kien hemm interpretazzjoni differenti bejn il-partijiet fuq x’inhi certezza morali li l-prosekuzzjoni trid tilhaq. Id-difiza spjegat li biex il-gurati jilhqu ghal dan iridu jkunu certi ‘mija fil-mija’ fuq dak li semghu u dak li raw waqt il-guri u jridu jkunu certi bil-htija ta’ l-appellant u ma jkollhomx dubju ‘l hinn minn dubju ragjonevoli. Il-prosekuzzjoni ssottomettiet li dan ma kienx minnu, izda l-gurija m’ghandhomx ghalfejn ikunu mija fil-mija certi fuq dak li semghu u raw fil-guri, anzi tat impressjoni li jistghu jkollhom xi dubju. L-Imhallef ma tax direttiva fuq dan u fl-opinjoni ta’ l-appellant il-gurati setghu dahlu jiddeliberaw bid-dubju fuq jekk ghandhomx ikollhom dubju.”

**18.** Din il-Qorti tqis dan l-ilment fieragh peress illi l-Imhallef li ppresjeda l-guri mhux biss kien car fl-indirizz tieghu lill-gurati li l-grad li jrid jintlahaq huwa dak tac-certezza morali minghajr dubju dettat mir-raguni, izda anke spjega ben tajjeb il-gradi differenti ta’ prova. A skans ta’ ripetizzjoni qed issir referenza ghal pagni 235 u 236 tat-traskrizzjonijiet. Jigifieri l-gurati kienu ben indirizzati mill-Imhallef li ppresjeda l-guri f’dar-rigward.

**19.** L-appellant jilmenta mill-gdid dwar dak li gara fir-rigward ta’ l-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta. F’dar-rigward din il-Qorti tirreferi ghall-paragrafi hdax u tnax *supra*. Inoltre tirreferi ghal dik il-parti fl-indirizz fejn l-Imhallef li ppresjeda l-guri spjega b’mod car illi l-Pulizija kienu mxew korrettement meta, minbarra illi taw lill-appellant it-twissija skond il-ligi, infurmawh ukoll bid-drittijiet tieghu skond il-ligi, u kkonkluda li l-istqarrija li ghamel kellha tigi accettata bhala wahda valida u kellhom jikkunsidrawha fid-deliberazzjonijiet taghhom.[5]

**20.** Fl-ahharnett l-appellant jilmenta li l-Imhallef li ppresjeda l-guri, meta kien qieghed jispjega l-fatti, f’punt minnhom ghamel apprezzament ta’ fatt. L-appellant jghid: “L-appellant fl-istatement guramentat u anki waqt ix-

---

[5] Pagna 243 *ibidem*.

xiehda tieghu semma persuna li kienet it-tfajla (girlfriend) tieghu, Leila. Waqt l-indirizz ta' l-Imhallef uza l-kelma 'skuza' u ghamel referenza ta' seduta tad-dwana li hafna persuni jaghtu skuzi meta jigu Malta. Ovvjament dan jippregudika l-gurati ghall-fatt li jaghti l-impressjoni li l-Imhallef ma kienx qed jemmen lill-appellant, haga li l-ligi espressament ma tridx li ssir u thalli f'idejn il-gurati sabiex jaghtu l-apprezzament shih tal-fatti u x-xhieda kollha migjuba kollha quddiemhom."

**21.** Huwa minnu li forsi l-Imhallef li ppresjeda l-guri seta' ma uzax l-ezempju li ta u ma uzax il-kelma "skuzi". Izda din il-Qorti mhijiex hawn "**to consider whether this or that phrase was the best that might have been chosen, or whether a direction which has been attacked might have been fuller or more conveniently expressed, or whether other topics which might have been dealt with on other occasions should be introduced."**[6] Din il-Qorti tara l-indirizz fit-totalita` tieghu u m'hemm l-ebda dubju li dan huwa indirizz bilancjat u l-Imhallef li ppresjeda l-guri bl-ebda mod ma uzurpa l-funzjoni tal-gurati bhala imhallfin tal-fatti.

**22.** Din il-Qorti sejra issa tghaddi biex tezamina l-ewwel aggravju ta' l-appellant fejn jghid li ma kienx hemm provi sufficjenti biex gurija ragjonevoli ssib htija oltre d-dubju ragjonevoli. Skond l-appellant, il-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-akkuza biss sal-grad tal-possibbli. Huwa ma kkontestax l-element materjali tal-kaz u l-unika difiza tieghu kienet li ma kienx konsapevoli li fil-bagalja kien hemm id-droga u li min tah id-droga kien dahaq bih. L-appellant jaghmel dawn l-osservazzjonijiet:

"1. Gie sottomess li l-fatt li l-appellant meta wasal hawn Malta kien liebes libsa (*suit*) allura jindika li huwa ma giex hawn Malta fuq btala u kien wasal ghal *business* u l-*business* tieghu kien traffikar ta' droga. Il-prosekuzzjoni ndikat li din il-prova hija importanti sabiex juri l-htija tieghu. L-appellant jirrileva li l-ilbies tieghu huwa totalment

---

[6] Lord Alverstone, C.J. in re R. v. Stoddart (1909) 2 Cr.App.R. 217 (**Archbold Criminal Pleading Evidence and Practice 2003**, para. 7-53 p. 936).

irrelevanti u ma jindika assolutament xejn. It-traffikanti ta' droga m'ghandhomx uniformi u jista' jkun li hemm traffikanti ta' droga li jilbsu *suits* u jista' jkun li jilbsu xi haga ohra. L-ilbies ta' l-appellant ma jippunta assolutament xejn lejn il-htija tieghu.

"2. L-appellant kien wiehed minn ta' l-ahhar sabiex jidhol fil-Green Channel ta' l-ajruport. Il-prosekuzzjoni ssottomettiet li din kienet indikazzjoni ta' htija ghaliex l-appellant ipprova jahrab mit-tfittxija mill-Pulizija. L-appellant ta spjegazzjoni li kienet giet korroborata minn ritratt li juri baskett li juri li mar jixtri mid-Duty Free. Barra minn hekk spjega li mar jirranga l-visa tieghu. Dawn il-fatti setghu facilment jigu verifikati minn filmati ta' CCTV camera li qeghdin fl-ajruport. Dawn il-filmati la gew ipprezentati fil-kumpilazzjoni u lanqas waqt il-guri. Izda li huwa cert li l-passiggieri ma kinux jafu li kien hemm il-Pulizija, il-Pulizija ma kinux bl-uniformi u l-passiggieri ma kinux jafu jekk il-Pulizija kienu se jdumu jew kienu se jitilqu dalwaqt. B'hekk il-fatt li l-appellant mar lejn l-ahhar ma jindikax il-htija tieghu u hija prova cirkostanzjali li ma jippuntax lejn direzzjoni wahda.

"3. Gie pruvat li l-appellant kien jidher kalm meta avvicina l-bank fejn kienu qed jezaminaw il-bagalji. Id-difiza ssottomettiet lill-gurati li jindika l-innocenza ta' l-appellant ghaliex ma kienx eccitat u ma kienx eccitat ghax ma kienx jaf li kien hemm id-droga. Min-naha l-ohra l-prosekuzzjoni ssottomettiet li l-appellant huwa attur tajjeb u huwa kapaci li jahbi l-emozzjonijiet veri tieghu. Jista' jkun, izda m'hemm prova ta' xejn ta' dan. Hawnhekk ukoll il-prova cirkostanzjali jista' jwassal ghal diversi konkluzjoniiet u b'hekk il-prosekuzzjoni ma setghetx tuza dan bhala prova jew sottomissjoni.

"4. L-appellant ghazel li jghin il-Pulizija u kien strumentali sabiex jigu arrestati zewg traffikanti Maltin. Il-prosekuzzjoni ghamlet zewg argumenti, l-ewwel li ghamel dan biex jibbenefika mill-art. 29 tal-Kap.101 u t-tieni kien dahru mal-hajt u ma kellux ghazla ohra hlief jghin. Id-difiza argumentat li kellu ghazla biex ma jassistix lill-Pulizija, specjalment jekk kien hati u ried jipprotegi persuni ohra li

kienu nvoluti. B'hekk hawnhekk ukoll qeghdin fil-livell ta' possibbli."

**23.** Dan l-ewwel aggravju jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi. Ghalhekk, dak li din il-Qorti trid tara huwa jekk il-gurati setghux legalment u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li effettivament waslu ghaliha[7]. In ezekuzzjoni ta' din il-funzjoni taghha, hi ezaminat dettaljatament l-atti processwali, inkluzi t-traskrizzjonijiet kollha tax-xiehda, id-dokumenti esibiti u l-atti kollha tal-kumpilazzjoni. Inoltre hasbet fit-tul fuq is-sottomissjonijiet tal-partijiet, u l-konkluzjonijiet taghha huma dawn li gejjin:

(i) Huwa inkontestat li fit-8 ta' Ottubru 2007 l-appellant wasal Malta fuq titjira mit-Turkija u li fil-bagalja taht wicc falz kien hemm total ta' 11.4269 grammi eroina ta' purita` ta' madwar 43%. Id-difiza ta' l-appellant kienet illi huwa ma kienx jaf illi fil-bagalja kien hemm dik l-eroina.

(ii) Issa, il-gurati kellhom il-vantagg li jaraw u jisimghu x-xhieda kollha, u, wara li kellhom l-opportunita` iqisu "l-imgieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda, u "jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti", u "fattizzi ohra tax-xiehda", u "jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz" (artikolu

[7] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

637 tal-Kap. 9), u wara li semghu s-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiza, ikkonkludew li l-appellant kien hati tal-Kapi kollha ta' l-Att ta' Akkuza. Ma jistax jinghad li dan ma japplikax fil-konfront ta' l-appellant ghax xehed tramite l-ghajnuna ta' interpretu. Wara kollox minbarra x-xiehda *viva voce* l-gurati setghu facilment josservaw l-atteggjament tieghu fuq il-pedana tax-xhieda u l-*body language* tieghu. L-imhallef li ppresjeda l-guri sahansitra kkummenta dwar il-fatt li l-interpretu ghamlet mill-ahjar taghha "li kien verament tajjeb, biex hija turikom u tpingi l-emozzjonijiet u t-tonijiet illi Tirso kien qieghed jghaddilha biex hi tghaddi lilkom".

(iii) B'referenza ghall-osservazzjonijiet li ghamel l-appellant fir-rikors t'appell tieghu, jinghad fl-ewwel lok illi huwa veru li l-fatt li l-appellant kien liebes *suit* ma jfissirx li allura kien traffikant, izda fl-istess hin huwa veru wkoll li hemm certu tip ta' lbies li anqas jaghti fil-ghajn. Dwar il-fatt illi dam ma hareg u ssorprenda lill-ufficjali tad-dwana u tal-pulizija ghax hasbu li kien hareg kulhadd, din il-Qorti tosserva illi peress illi kienu qeghdin jigu *scanned* il-bagalji tal-passiggieri kollha, il-process sabiex il-passiggieri johorgu necessarjament ha aktar zmien milli kieku kulhadd jibqa' hiereg u ghalhekk gustament l-awtoritajiet esprimew it-thassib taghhom. Mill-banda l-ohra jidher illi l-visa nghata lill-appellant fl-ajruport (fuq il-passaport il-post tal-hrug huwa ndikat bhala "MIA MALTA") u inoltre waqaf jixtri xi haga mid-*Duty Free*. Dwar il-fatt li l-appellant kien kalm meta avvicina l-post fejn kienu qeghdin jigu ezaminati l-bagalji, seta' kien kalm ukoll ghax kien jaf illi l-bagalja kienet ghaddiet bla xkiel mis-sigurta` fl-ajruport ta' Istanbul. Dwar il-fatt li ghen il-Pulizija, ovvjament dan ghamlu ghax ra li seta' biss jibbenefika jekk jaghti l-ghajnuna tieghu. Dan il-fattur wahdu mhux bil-fors jipponta lejn il-htija.

(iv) Id-difiza ppruvat tpingi lill-appellant bhala persuna *naïve* jew *gullible*. Filwaqt illi jezistu persuni bhal dawn, fil-kaz ta' l-appellant ghandna persuna li fil-passat kien involut fil-glieda kontra t-terroristi. Barra minn hekk huwa persuna li siefer diversi drabi, kif jirrizulta mill-passaport tieghu. Dawn l-esperjenzi kellhom ikunu bizzejjed biex,

jekk ic-cirkostanzi ta' kif il-bagalja giet f'idejh kienu minnhom, jirrejalizza illi l-bagalja li ntalab biex iwassal Malta ma kinitx wahda innokwa. Il-gurati setghu kkunsidraw illi mhuwiex verosimili illi persuna tibghat bagalja bhala rigal, imbaghad bagalja li evidentement ma kinitx gdida. Difatti meta xehed waqt il-guri – ma kienx qalha qabel – l-appellant qal li saqsa lill-persuna li ghaddietlu l-bagalja ("Jamal") "Isn't there any other suitcase that this Maltese family can buy?"

(v) Ix-xhieda qalu li kien kalm meta kienu qeghdin ifittxu fil-bagalja. Skond P.S. 122 Chris Baldacchino, meta sabu l-pakketti kontenenti d-droga, l-appellant "qisu beda jxengel rasu, fetah idu". Dawn huma mossi sinifikattivi hafna u setghu ragjonevolment gew interpretati mill-gurati bhala prova tal-konoxxenza ta' l-appellant tal-kontenut tal-bagalja.

(vi) L-appellant inqabad f'numru ta' inkonsistenzi. Fl-istqarrija tieghu jghid illi din kienet it-tieni darba li gie Malta u r-raguni kienet biex jiltaqa' ma' tfajla u jizzewweg. Jghid li l-ewwel darba ma ltaqax ma' tfajla u rritorna t-Turkija. Meta xehed quddiem il-Magistrat Inikwirenti qal ried ibiddel xi affarijiet li kien qal fl-istqarrija. Qal li gie Malta erba' darbiet b'kollox. Irritorna t-Turikja ghax ma setax isib xoghol. L-ewwel darbtejn gie jiltaqa' ma' "girlfriend" li jisimha Leila. Meta giet attirata l-attenzjoni tieghu ghall-fatt li kien hemm sitt *visas* fil-passaport tieghu qal li ma setax jiftakar ezattament kemm-il darba kien gie u li dan kien ghax kien ghadu taht "shock". Effettivament mill-passaport tieghu esebit fl-atti tal-kumpilazzjoni jirrizulta li gie Malta almenu sitt darbiet skond l-*visas* li hemm fih; l-ahhar okkazjoni kienet fit-8 ta' Ottubru 2007. Meta xehed waqt il-guri qal illi kellu *"girlfriend"* Malta u ried jizzewwigha biex ikun jista' jottjeni passaport ta' l-Unjoni Ewropeja. Zied jghid li t-tfajla tieghu kienet tmur Istanbul ta' spiss. Stranament imbaghad ghalkemm kien ilu jafha erba' snin jghid illi isimha biss kien jaf u ma kien jaf xejn dwarha u dwar il-familja taghha. Jghid li ma jafx fejn toqghod izda jghid li mar il-post taghha u kellu xi fwejjah tieghu ghandha. Inoltre daqqa jindika li kien gej ghal ftit granet u daqqa li ghal zmien twil. Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx

jiftakar in-numru ta' Leila qal li ma jiftakrux izda seta' jcempel ill-familja tieghu f'Istanbul – meta dejjem qal li kien jahbi r-relazzjoni tieghu minn uliedu. Naturalment il-gurati setghu ragjonevolment jiddubitaw dwar l-ezistenza ta' din l-enigmatika Leila u jemmnu li l-istorja li pprova jibni dwarha kienet biss *cover-up*.

(vii) Inkonsistenza ohra tirrigwarda l-post fejn suppost iltaqa' ma' Jamal. Waqt l-interrogatorju, kif jirrizulta mill-istqarrija, jghid li kien fic-*check-in queue*. Naturalment mhuwiex logiku li wiehed jistenna fic-*check-in queue* jekk ikun qed jistenna lil xi hadd igiblek bagalja. Difatti meta xehed waqt il-guri biddel il-verzjoni u qal illi ltaqghu qabel ma waslu s-*security control*.

(viii) Waqt il-kontro-ezami jghid illi Jamal kien talbu jehodlu xi rigali lil familja f'Malta u ma kienx semmielu bagalja. Qabel kien dejjem irrefera ghal bagalja u sahansitra qal waqt l-ezami li saqsa lil Jamal setghetx din il-familja takkwista bagalja minn Malta. Inoltre jekk l-appellant mar l-ajruport bl-affarijiet tieghu go "good quality plastic bag" li tiswa "one or two dollars" u mhux go bagalja, evidentement kien jaf illi Jamal gej b'bagalja u li hwejgu setghu jitqieghdu go din il-bagalja u b'hekk il-*"plastic bag"* jintrema.

(ix) Il-gurati setghu qiesu wkoll li mhuwiex verosimili illi persuna li tkun ilek taf hmistax-il jum biss tafdalha kwazi hdax-il kilo u nofs eroina jekk ma tkunx persuna illi taf u li tista' tafda. Din kienet in effetti l-akbar qabda ta' eroina li qatt saret.

(x) Minn dan kollu huwa evidenti li l-gurati setghu ma jemmnux ic-cahda ta' l-appellant u ghalhekk setghu legalment u ragjonevolment jikkonkludu illi l-appellant kien jaf x'kellu fil-bagalja u li assocja ruhu ma' persuna jew persuni ohra fit-Turkija sabiex jimporta l-eroina f'Malta.

**24.** L-ahhar aggravju huwa dwar il-piena. L-appellant jghid illi l-piena nflitta fuqu hija harxa zzejjed, tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz u meta paragonata ma' dik inflitta mill-Qorti Kriminali f'kazijiet ohra.

**25.** Il-principju regolatur in materja ta’ piena huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[8].

**26.** Issa, fil-kaz in ezami m’hemmx dubju illi l-piena hi fil-parametri tal-ligi. U hawn si trattava ta’ l-importazzjoni ta’ l-akbar ammont ta’ eroina qatt maqbuda f’Malta. Mis-sentenza appellata huwa evidenti li l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi attenwanti u aggravanti rilevanti, u ghalhekk il-piena mhijiex *wrong in principle* jew *manifestly* excessive. Bhalma ntqal f’**Blackstone’s Criminal Practice 2004**:

**“The phrase ‘wrong in principle or manifestly excessive’ has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal’s general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in *Nuttall* (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, ‘This court will…be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, *though they may appear heavy to individual judges*’ (emphasis added). Similarly, in *Gumbs* (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: *‘…that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle.”* Both Channell J in *Nuttall* and Lord Hewart CJ in *Gumbs* use the phrase ‘wrong in principle’. In**

---

[8] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

**more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."** [9]

Din hija l-pozizzjoni li konsistentement hadet din il-Qorti. Ghalhekk ma tarax li hemm lok li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti kif ezercitata f'dak li huwa l-*quantum*.

**27.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier, b'dan li l-perijodu ghall-hlas tal-multa u ta' l-ispejjez peritali jibda jiddekorri millum. Peress illi jidher illi l-esebiti u, partikolarment id-droga in kwistjoni, huma mehtiega fi proceduri kontra terzi, l-ordni ta' distruzzjoni hija sospiza.

---

[9] Page 1695, para. D23.45

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------